MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 5/2008

A

Vs

B

Il-Qorti,

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fit-18 ta’ April 2008 l-attrici ppremettiet li zzewget lill-konvenut fit-30 ta’ April 2000 fil-knisja ta’ FF. Minn dan iz-zwieg twieldu t-tfal C (10/3/2001) u D (18/5/2002). Il-hajja matrimonjali saret impossibbli minhabba atti ta’ mohqrija, sevizzi, ingurji, abbandun u ragunijiet ohra gravi li wkoll jaghtu lok ghal separazzjoni u ghalhekk iz-zwieg taghhom tkisser b’mod irrimedjabbli. Fit-23 ta’ Awissu 2004 fl-atti tan-nutar GG gie pubblikat kuntratt li bih il-partijiet itterminaw u xoljew il-

komunjoni ta’ l-akkwisti. Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda titlob:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet li huma mputabbli lill-konvenut ghar-ragunijiet fuq imsemmija.
2. Tafda f’idejn l-attrici l-kura u kustodja tat-tfal minuri C u D b’access limitat ghall-konvenut.
3. Tiehu l-provvedimenti kollha mehtiega sabiex ma tkunx responsabbli ghad-dejn li ghamel u li qieghed jaghmel zewgha billi ma gew koperti fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni tal-beni minhabba injoranza tal-ezistenza taghhom mill-attrici.
4. Tiddikjara li l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta’ eredita’ reciproci.
5. Tordna li l-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, E.

Rat li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bl-atti tal-kawza skond l-Artikolu 187 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) baqa’ ma wegibx u lanqas deher ghas-seduta.

Rat l-atti kollha.

Semghet x-xiehda ta’ l-attrici.

Ikkunsidrat:-

1. Ghalkemm illum stess ser tigi deciza l-kawza ta’ annullament fl-ismijiet **A vs B** (Rikors nru: 11/2008), din il-qorti m’hijiex ser tastjeni milli taghti decizjoni fuq l-ewwel (1), raba’ (4) u hames (5), in kwantu din hi l-ewwel decizjoni li ser tinghata.

2. Mix-xiehda li tat l-attrici fis-seduta tal-lum hu evidenti li l-konvenut ilu s-snin li abbanduna l-familja u farfar ir-responsabbilta’ kollha ta’ missier. L-attrici spjegat kif wara li fl-2004 sar il-kuntratt li bih giet terminata l-komunjoni ta’ l-akkwisti, sehhet separazzjoni *de facto*. Il-konvenut dahhal lil martu f’inkwiet kbir minhabba d-dejn li ghamel ma’ terzi (li sal-lum ghadu ma thallasx) u l-kwalita’ ta’ hajja

li ghex fiz-zwieg. Hu evidenti kif il-konvenut kien ta prijorita' lill-affarijiet materjali u ried jaghti l-impressjoni li qieghed ighix f'lussu kbir. Inoltre ma wera l-ebda kompassjoni fil-konfront ta' martu. Filwaqt li hi kienet qeghda tahdem minn filghodu sa bil-lejl u bl-ghajnuna ta' ommha tipprova tara kif tlehhaq max-xoghol li jgibu t-tfal, il-konvenut kien qieghed ighix hajja ohra. Din l-istil ta' hajja wasslet lill-attrici f'xifer l-irdum. Il-konvenut kien qieghed ighix realta' ohra, ghl kollox distakkata mill-familja tieghu. Ghal din it-tragedja familjari, l-attrici u wliedha ma jahtu xejn. Kaz ta' qsim il-qalb fejn omm (li ghandha biss 32 sena) u wliedha, spiccaw b'xejn. Il-konvenut gab lil martu f'sitwazzjoni fejn trid toqghod attenta ghal kull pass li taghmel minhabba l-bahar ta' dejn li zewgha dahal fih u kaxkar lil martu. Il-fatt li l-konvenut zamm il-kuntatt ma' wliedu permezz tat-telefon ma jfissirx li qieghed iwettaq l-obbligi ta' genitur. Anzi pjuttost jirrizulta li sabha konvenjenti hafna li jfarfar ir-responsabbilta'. Il-mod kif il-konvenut halla lil martu tghum wahedha f'bahar ta' inkwiet, hu tal-misthija u konferma ta' kemm hu perikoluz u m'huwiex bniedem affidabbli. Bhal li kieku dan ma kienx bizzejjed, kien hemm ukoll incidenti meta l-konvenut sawwat lil martu u wkoll qabad relazzjoni ma' ragel. Wara li l-konvenut ghamel hafna dejn sabiex ikun jista' jmantni l-kapricci tieghu u dahak bil-kredituri, ghosfor fil-kwiet. Kieku ma kienx ghall-ghajnuna li nghatat mill-familjari taghha, l-attrici spiccat fit-triq minghajr mezzi biex tmantni lilha nnifisha u lil uliedha. Sfortunatament ghall-attrici fdat wisq u zewgha ma wera l-ebda hniena. Il-qorti tapprezza li hu ferm difficli ghall-attrici sabiex wara esperjenza qarsa bhal din terga' tigi fuq saqajha. Zwieg infelici li zgur li ma tax lill-attrici dak is-sodisfazzjon u kuntentizza li l-hajja mizzewga ghandha ggib maghha.

3. Fir-rigward tat-tielet (3) talba l-partijiet diga' kienu ftehemu li d-dejn ser jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut (ara kuntratt li sar fit-23 ta' Awwissu 2004 pubblikat min-nutar GG – fol. 5- 8). Madankollu dan il-ftehim ma jistax ikollu effett fil-konfront ta' dawk it-terzi li huma kredituri. Inoltre, il-qorti ma tistax taghti xi ordni li biha tippregudika lill-kredituri dwar dejn li sar fil-perjodu qabel it-terminazzjoni u

xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Ovvjament, jekk il-konvenut kompla jzied id-dejn wara t-23 ta' Awwissu 2004, dak zgur li jrid jaghmel tajjeb ghalih u l-attrici m'ghandha l-ebda responsabbilta'.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda ghar-raguni hawn fuq moghtija:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti minhabba abbandun, moqhrija, sevizzi u min-naha tal-konvenut.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri C u D lill-attrici. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha tiffissa granet u hinijiet ta' access ghall-konvenut, u jekk il-konvenut ghandu interess jibda jara u jqatta' hin ma' wliedu ghandu jipprocedi skond il-ligi.

3. Tichad it-tielet talba.

4. Tapplika kontra l-konvenut l-konsegwenzi kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

5. Tawtorizza lill-attrici sabiex terga' tirriverti ghal kunjom xbubitha, E.

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------